17

TRIBUNAL TA' REVIŻJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR

Wara l-Avviż bin-numru ta' Riferenza EC/000172/20

[1] Alessia Cilia (K.I. nru. 218576(M))
[2] Annabelle Cilia (K.I. nru. 427480(M))

vs

Awtorità tal-Ippjanar

---

APPELL minn avviż skont l-artikoli 95, 97 u 100 tal-Att VII tal-2016 dwar l-Ippjanar u Żvilupp – Avviż biex tieqaf u ta' twettiq, maħruġ fis-17 ta' Diċembru 2020 numru EC/00172/20.

---

RIKORS TAL-APPELL TA' ALESSIA U ANNABELLE CILIA

Jesponu bir-rispett ILLI:

1. L-esponenti saru ġew notifikati bl-istess avviż li jittratta l-istess infurzar fuq l-istess żvilupp (Dok. 'A' u Dok. 'B').

2. L-avviż imsemmi jgħid li fiż-żona indikata hemm żvilupp li mhux in konformi tal-pjanti approvati f'PA/05379/04. L-istess avviż jallega li saru diversi varjazzjonijiet mill-pjanti li ġew approvati f'PA/05379/04 liema varjazzjonijiet ġew indikati fl-applikazzjoni sanatorja tal-esponenti numru PA/00636/16 – liema applikazzjoni ġiet sussegwentement rifjutata. L-imsemmi avviż jallega ukoll li sar żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti f'binja ta' struttura għolja ta' żewġ sulari, bini ta' fossa kif ukoll bdil tal-użu ta' parti min razzett mitluq għal post residenzjali.

3. L-esponenti qiegħdin iressaqu dan l-umili appell minn dan l-avviż, għaliex fil-fehma tagħhom dan huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, u hemm lok sabiex id-deċiżjoni kontenuta fl-istess avviż tiġi revokata.

<u>L-Aggravji</u>

4. L-aggravji prinċipali tal-esponenti huma prinċiparjament tnejn:-

a. L-bini *de quo*, miegħu għadhom (kif kienu dejjem) qiegħdin jiġu użati bħala razzett u għal finijiet agrikoli.
b. L-istrutturi preżenti huma in konformi ma' dak li hemm sanzjonat mill-Awtorità.

5. L-esponenti umilment jissottomettu li l-binja li ġiet indikata bħala mhux konformi fl-avviż *de quo* fil-fatt, bħal ma kienet dejjem għadha qiegħdha tintuża bħala razzett kif kienet l-użanza oriġinali tagħha. Dan kif sejjer jiġi muri waqt l-andament ta' dan l-appell.

6. Fir-rigward tal-istrutturi li qiegħdin jiġu allegati bħala illegali u mhux skont il-permessi u l-pjanti approvati, umilment jiġi sottomess li dak li hemm mibni huwa fil-fatt in konformi mal-permess oriġinali sanzjonat mill-istess Awtorità li jġib in-numru PA/05379/04 – kif sejjer jiġi muri u ppruvat fl-andament ta' l-appell odjern.

7. Għalhekk huwa inkorrett li jingħad li jeżisti xi tip ta' żvilupp legali u/jew li jingħad li l-użu tal-proprjetà *de quo* inbidel min dak oriġinarjament sanzjonat.

8. In oltre, dwar l-istess porzjon t'art hemm żewġ kawżi pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla li jġibu numru 518/2016 u 182/2016, it-tnejn fl-ismijiet 'Cilia Alfred vs. Cilia Michelina et', u li għal finijiet ta' effiċjenza tal-ġudizzju ikun għaqli li jiġi konkluż l-eżitu ta' dawn il-kawżi, qabel ma jiġi deċiż dan l-appell.

9. Dwar il-bqija tal-allegati żviluppi indikati fl-avviż li mhux indirizzati f'dan ir-rikors, l-esponenti jirriserva li jġib l-argumenti tiegħu aktar 'il quddiem, mhux biss skont l-eżitu tal-applikazzjoni għall-permessi fuq indikati, iżda wkoll wara illi dan it-Tribunal ikollu opportunità li jaċċedi għall-fond u jara l-fatti preżenti eżistenti fl-imsemmija propjetà.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost u filwaqt li l-esponenti jirriservaw li jressqu raġunijiet, provi u sottomossjonijiet ulterjuri skont il-każ, l-appellanti umilment jitlobu li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jilqa' l-appell tagħhom u dan billi jħassar u jirrevoka l-avviż biex tieqaf u ta' twettiq maħruġ fis-17 ta' Diċembru 2020, bin-numru EC/00172/20, bl-ispejjeż kontra l-Awtoritá appellata.

<u>Lista ta' Dokumenti</u>

Dok. 'A' – Avviż skont l-artikoli 95, 97 u 100 tal-Att VII tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp avviż biex tieqaf u ta' twettiq maħruġ fis-17 ta' Diċembru 2020 numru EC/00172/20, mibgħut lill-Annabelle Cilia.

Dok. 'B'- Avviż skont l-artikoli 95, 97 u 100 tal-Att VII tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp avviż biex tieqaf u ta' twettiq maħruġ fis-17 ta' Diċembru 2020 numru EC/00172/20, mibgħut lill-Alessia Cilia.

Xhieda

L-appellanti;
Familjari tal-appellanti, fosthom Michelina Cilia.
Periti inkarigati mill-appellanti;
Xhieda oħra, skont il-bżonn.

Av. Mary Rose Micallef
maryrose@abalegal.eu